# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2018**

**Numru 7**

**Appell numru 292/2018**

***Virtù Holdings Limited (C 30642)***

***v.***

***Gozo Channel (Operations) Limited (C 76704)* u *Islands Ferry Network Limited (C 85742)* għal kull interess li jista' jkollha**

Il-qorti rat ir-rikors ta' *Virtù Holdings Limited* ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2018 biex il-qorti tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal sentenza preliminari taħt l-art. 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tissospendi s-smigħ ta' dan l-appell sakemm tingħata s-sentenza preliminari.

Safejn relevanti, dan ir-rikors huwa identiku għal ieħor magħmul fis-26 ta' Ottubru 2018 mill-istess rikorrenti fl-atti tal-appell numru 290/2018 fl-istess ismijiet, u l-konsiderazzjonijiet applikabbli huma l-istess. Provvediment dwar ir-rikors tas-26 ta' Ottubru 2018 ingħata llum.

Għaldaqstant għar-raġunijiet mogħtija fil-provvediment mogħti llum fl-atti tal-appell numru 290/2018, li għalihom qiegħda ssir referenza, il-qorti f'dan l-istadju tiċħad it-talbiet fir-rikors tal-15 ta' Novembru 2018.

Dwar l-ispejjeż ta' dan l-episodju jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

Joseph Azzopardi
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb